MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 403/2005/1

**Maria Sammut, Jason Sammut u b'digriet tal-4 ta' April 2011, Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Peter Paul Sammut ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil Jason Sammut li hu assenti minn Malta u Nathalie Sammut u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2011 Dr. Cedric Mifsud u P.L. Jean Pierre Busuttil ġew nominati kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil Nathalie Sammut li tinsab assenti minn Malta**
***versus***
**L-Avukat Lorraine Conti li b'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Mejju 2005 ġiet ikkonfermata bħala Kuratur Deputat biex tirrapreżenta lill-assenti Nicholas Sammut bħala direttur tas-soċjeta` Flower Power Limited, lill-assenti**

**Michael Spiteri bħala direttur tas-soċjeta` Flower Power Limited (C-9400); u b'digriet tat-2 ta' Lulju 2008, il-Qorti awtorizżat lill-Avukat Rachel Loporto Montebello tassumi l-atti minflok l-Avukat Lorraine Conti**

1. Dan huwa appell minn digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Id-digriet appellat huwa miġjub *verbatim* hawn taħt:

«Il-qorti:

«Rat ir-rikors ta' Jason Sammut, Nathalie Sammut u Maria Sammut datat 27 ta' Ġunju 2008 li, għar-ragunijiet hemm premessi, talbu lil din il-qorti sabiex jogħġobha:

«Tirrestrinġi jew tipprojbixxi li l-proprjetà ta' FPL[1], inklużi l-ishma fis-soċjetà MFPL[2] u l-villa magħrufa bħala *Villa il-Bajja* ġewwa *Santa Maria Estate*, il-Mellieħa, tiġi amministrata u/jew tinbigħ mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti u/jew tintuża għall-iskopijiet personali tad-diretturi tal-istess soċjetà;

«Tordna li Nicholas Sammut u Michael Spiteri, jew min minnhom, jitneħħew bħala direttur/i tal-kumpannija FPL Limited;

«Tordna x-xoljiment immedjat tal-kumpannija FPL u tipprovdi għall-istralċ eventwali tagħha;

«Tordna li jinbdew proċeduri f'isem FPL kontra Nicholas Sammut u Michael Spiteri, fil-kwalità tagħhom bħala diretturi tas-soċjetà FPL u/jew bħala diretturi tas-soċjetà MFPL, talli ma qdewx id-dmirijiet tagħhom ta' diretturi *ai termini* tal-artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji u li konsegwentement ikkawżaw danni lis-soċjetà FPL biex il-qorti tkun tista' tillikwida u tikkundanna lil Nicholas Sammut iħallas id-danni hekk likwidati lil FPL u tordna li Nicholas Sammut jittrasferixxi lil FPL 57,922 (sebgħa u ħamsin elf disaħ mija u tnejn u għoxrin) sehem ordinarju bl-istess kundizzjonijiet li hu abbużivament xtara dawk l-ishma flok offriehom lil FPL;

«Tagħti dawk il-provvedimenti neċessarji biex tirregola t-tmexxija tal-kumpannija FPL inkluż dawk il-provvedimenti

---

[1] *Flower Power Limited.*

[2] *Mediterranean Flower Products Limited.*

provviżorji, xierqa u/jew neċessarji biex, *pendente* l-istralċ, tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija FPL;

«Rat ir-risposta tal-Avukat Lorraine Conti *nomine* fejn din opponiet għal dawn it-talbiet għar-ragunijiet mogħtija fl-istess risposta:

«Peress illi ma ngħatat lill-qorti ebda raġuni valida għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet *stante* li l-ishma *de quo* effettivament jappartjenu lir-rikorrenti fil-kwoti indikati.

«Il-qorti tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti.

«L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali»

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

i. B'rikors tas-27 ta' April 2005 – li bih inbdew il-proċeduri tallum – ir-rikorrenti għar-raġunijiet imfissra fir-rikors għamlu t-talbiet li jissemmew fid-digriet appellat.

ii. B'rikors ieħor tas-27 ta' Ġunju 2008[3] ir-rikorrenti, wara li fissru li huma l-werrieta ta' George Sammut, li kellu ishma fis-soċjetà *Flower Power Limited*, talbu illi l-qorti tordna illi jsir dak kollu meħtieġ sabiex l-ishma ta' George Sammut jiġu trasferiti lilhom u reġistrati f'isimhom.

iii. Fl-24 ta' Ġunju 2010 ingħata d-digriet appellat.

iv. B'rikors tat-2 ta' Lulju 2010 l-intimati talbu li jitħallew jappellaw mid-digriet tal-24 ta' Ġunju 2010 taħt l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

v. B'dikriet tad-19 ta' April 2012 l-ewel qorti ċaħdet ir-rikors tat-2 ta' Lulju 2010 wara li qieset "in-natura tal-proċeduri li fihom ġie mogħti l-istess digriet, li huma proċeduri a tenur tal-art. 402, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-tul li diġà ħadu dawn il-proċeduri".

vi. B'rikors tal-14 ta' Lulju 2010 l-intimati ressqu quddiem din il-qorti dan l-appell mid-digriet tal-24 ta' Ġunju 2010.

3. L-aggravji tal-intimati appellanti huma essenzjalment tnejn:

4. L-ewwel aggravju huwa illi, jekk id-digriet appellat jitqies li ngħata fuq ir-rikors tas-27 ta' April 2005 (dak li t-talbiet magħmula fih ġew riprodotti fid-digriet), mela effettivament huwa sentenza fil-meritu li ngħata fin-nuqqas ta' prova tal-premessi li fuqhom huma msejsa t-

3 *Fol*. 228 tal-atti tal-ewwel qorti.

talbiet u bla ma nstemgħu x-xiehda tal-intimati appellanti, bi ksur tal-jedd ta' difiża tagħhom.

5. It-tieni aggravju huwa illi, jekk id-digriet appellat jitqies li ngħata fuq ir-rikors tas-27 ta' Ġunju 2008 (dak b'talba għat-trasferiment ta' ishma lir-rikorrenti), id-digriet ingħata ħażin billi t-talba ma kienx messha saret fil-proċeduri tallum iżda fi proċeduri *ad hoc*.

6. Ir-rikorrenti wieġbu fl-4 ta' Awissu 2010. Ressqu tliet eċċezzjonijiet preliminari:

i. illi l-appell ma setax isir, u ma jiswiex, għax id-digriet tal-24 ta' Ġunju 2010 ingħata taħt l-art. 402(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] u ma jingħatax appell minn digriet bħal dak;

ii. illi l-*occhio* tar-rikors tal-appell sar ħażin, għax jidher l-isem ta' Michael Spiteri bħala direttur tas-soċjetà *Flower Power Limited* meta d-direttur jismu Michael Sammut – wara li saret korrezzjoni fl-*occhio* b'digriet tal-14 ta' Mejju 2012 din l-eċċezzjoni ma baqgħetx relevanti; u

iii. l-appell ma jiswiex ukoll għax ma tħarisx dak li jrid l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

7. Fil-meritu, ir-rikorrenti osservaw illi d-digriet huwa korrett u għandu jiġi konfermat.

8. Il-qorti tosserva illi, għalkemm fid-digriet appellat jingħad illi l-qorti rat ir-rikors tas-27 ta' Ġunju 2008, it-talbiet li d-digriet igħid li saru f'dak ir-rikors ma humiex it-talbiet li effettivament saru f'dak ir-rikors. Barra minn hekk, il-motivazzjoni mogħtija – illi "l-ishma *de quo* effettivament jappartjenu lir-rikorrenti fil-kwoti indikati" – ma għandha ebda relevanza għat-talbiet imsemmija fid-digriet u *non sequitur*.

9. Jidher ċar għalhekk illi hemm ksur tal-art. 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jrid illi f'digriet "għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha" u riferenza għat-talbiet tal-attur: jidher *ictu oculi* illi saret riferenza għal talbiet oħra, mhux dawk li dwarhom kellha tipprevdi l-ewwel qorti, u r-raġunijiet mogħtija ma għandhom x'jaqsmu xejn mat-talbiet u għalhekk, effettivament, dwar dawn it-talbiet ma ngħatawx raġunijiet.

10. Dan il-ksur tal-art. 218 iġib miegħu nullità taħt l-art. 789(1)(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,

billi hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, u din il-vjolazzjoni ġabet, mhux biss lill-parti li talbet in-nullità iżda wkoll lill-parti l-oħra, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat, għax minn qari tad-digriet ma tistax tgħid jekk it-talbiet li ntlaqgħu humiex dawk tar-rikors tas-27 ta’ April 2005 jew dawk tar-rikors tat-27 ta’ Ġunju 2008.

11. Lanqas ma huma ta’ ostakolu għal dan l-appell l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mir-rikorrenti: id-digriet appellat la jista’ jitqies bħala mogħti taħt l-art. 402(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji, u lanqas jista’ jitqies bħala mogħti taħt l-art. 229 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk l-oġġezzjonijiet imsejsa fuq dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma jolqtux l-appell.

12. Billi għalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-digriet appellat huwa radikalment null, qiegħda tilqa’ l-appell, tħassar id-digriet u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex, wara li din tipprovdi b’ħarsien sħiħ tal-liġi fuq ir-rikors tas-27 ta’ Ġunju 2008, jitkompla s-smigħ tal-kawża.

13. Billi dan l-episodju nqala’ b’konsegwenza ta’ nuqqas tal-ewwel qorti, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------